# Is-Sondaġġ

L-ewwel edizzjoni

12 ta' Ottubru 2024

Prof. Vincent Marmarà

# Sondaġġ Politiku

**ĦAFNA JGĦIDU LI HUMA INDEĊIŻI JEW MA JRIDUX JIVVUTAW...**

**20.0% ma jridux jivvutaw...**

Fl-ewwel stħarriġ tal-opinjoni pubblika tal-Professur Vincent Marmarà wara l-appuntament elettorali li sar f'Ġunju ta' din is-sena, jindika li f'każ ta' elezzjoni ġenerali għada, hemm numru sostanzjali mill-elettorat li qed jgħid li huwa indeċiż jew li mhux ser jivvota fl-elezzjoni ġenerali li jmiss.

Minkejja li dan l-istħarriġ qed juri li l-Partit Laburista għadu fuq quddiem f'dik li hija fiduċja fost l-elettorat, l-ebda partit politiku m'għandu l-appoġġ tal-maġġoranza assoluta, jew aħjar tal-50% + 1 tal-voti. Minkejja dan, ir-riżultati mhux juru li hemm shifts kbar bejn il-partiti ewlenin, b'ħafna jidhru li qegħdin fuq pont josservaw mill-bogħod dak li qed iseħħ u ser jiddeċiedu aktar 'il quddiem x'ser jagħmlu verament bil-vot tagħhom.

## L-EBDA PARTIT POLITIKU M'GĦANDU L-APPOĠĠ TAL-MAĠĠORANZA ASSOLUTA.

### 15.1% "ma jafux" lil min ser jivvutaw...

Survey politiku ġdid li sar mill-istatistiku Vincent Marmarà juri li faxxa kbira tal-elettorat huma indeċiżi u qed iwieġbu li ma jafux lil min ser jivvutaw f'każ li ssir elezzjoni ġenerali għada. Dan is-survey, l-ewwel wieħed li qed isir wara l-appuntament elettorali ta' Ġunju li għadda, juri kif 41.0% qalu li jivvutaw lill-Partit Laburista, 37.4% wieġbu Partit Nazzjonalista, 3.4% wieġbu ADPD, 3.1% qalu partiti oħrajn, u 15.1% qalu li huma indeċiżi.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada liema partit tivvota?




"Kif ilna naraw f'dawn l-aħħar xhur, l-indeċiżi għandhom sehem kbir mir-riżultat finali tal-elezzjoni. S'issa, din il-faxxa mill-elettorat tinsab fuq pont fejn għadhom indeċiżi x'ser jagħmlu bil-vot tagħhom. Apparti minn hekk, ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ juri li hemm ħafna votanti li ma jridux jivvutaw, b'ħafna minnhom huma tradizzjonalment votanti Laburisti jew li fl-aħħar elezzjoni vvutaw lill-Partit Laburista," spjega Marmarà.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada liema partit tivvota? (Votanti PL 2022)




Fost il-votanti li vvutaw lill-Partit Laburista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, 72.0% qalu li jafdaw l-aktar lill-Partit Laburista, 2.0% wieġbu li jivvutaw lill-Partit Nazzjonalista, 11.8% qalu li huma indeċiżi x'ser jagħmlu bil-vot tagħhom, waqt li 13.6% qegħdin jgħidu li mhux ser jivvutaw. 0.6% qegħdin jgħidu li jivvutaw lil ADPD jew partiti oħrajn.

Mill-banda l-oħra, fost il-votanti li vvutaw lill-Partit Nazzjonalista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, 80.6% wieġbu li jerġgħu jivvutaw lill-Partit Nazzjonalista, 2.6% qalu li jivvutaw lill-ADPD jew partiti oħra, 9.8% qalu li huma indeċiżi, waqt li 6.6% wieġbu li ma jivvutawx. 0.4% għażlu li ma jirrispondux.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada liema partit tivvota? (Votanti PN 2022)




## IL-PARTIT LABURISTA B'DISTAKK TA' 12,000 VOT.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni għada liema partit tivvota?




Meta applikata l-Multiple Imputation Technique, jiġifieri replacement xjentifika fuq dawk li jirrifjutaw li jwieġbu jew huma indeċiżi, juri li f'każ t'elezzjoni ġenerali għada, 48.3% tal-elettorat jivvota lill-Partit Laburista, waqt li 44.1% jivvutaw lill-Partit Nazzjonalista. L-ADPD għandu l-appoġġ ta' 4.0%, waqt li 3.6% jivvutaw lil partiti oħrajn. L-istatistiku spjega li f'każ t'elezzjoni ġenerali għada, in-numri juru li t-turnout ikun ta' madwar 80%, b'dan ipoġġi distakk ta' madwar 12,000 vot favur il-Partit Laburista.

Iċ-ċaqliq ta' voti bejn il-partiti huwa wieħed minimu, b'dan is-survey juri shift żgħir ta' 2.0% mill-Partit Laburista għall-Partit Nazzjonalista. Meta wieħed iqabbel dan ir-riżultat tas-survey mar-riżultat tal-aħħar elezzjoni ġenerali, juri li l-Partit Laburista jnaqqas 6.8%, il-Partit Nazzjonalista jżid 2.4% u l-ADPD u partiti oħrajn iżidu 4.4%.

Li kieku kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali għada lil min tivvota?



## Distakk ta' 12% fil-fiduċja bejn il-mexxejja.

Meta applikata l-Multiple Imputation Technique, il-mexxej Laburista Robert Abela huwa fdat 12.0% iżjed minn Bernard Grech. Għal mistoqsija 'Liema mexxej politiku tippreferi li jkun Prim Ministru ta' Malta?' 36.0% tal-elettorat jagħżel lil Robert Abela, 24.0% wieġbu Bernard Grech. Fl-istess waqt 15.4% wieġbu li ma jafdaw lil ħadd, 7.9% wieġbu ma jafux u 16.6% qalu li jafdaw mexxejja oħra.







Fost il-votanti li vvutaw lill-Partit Laburista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, 73.5% qalu li jafdaw l-aktar lil Robert Abela, 1.3% wieġbu Bernard Grech, 8.5% qalu li ma jafdaw lil ħadd, 12.7% qalu li oħrajn, 4.0% wieġbu li ma jafux.

Fost il-votanti li vvutaw lill-Partit Nazzjonalista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2022, 60.9% wieġbu li jafdaw lil Bernard Grech, 0.1% wieġbu Robert Abela, 12.7% wieġbu li ma jafdaw lil ħadd, 15.6% jagħżlu oħrajn u 10.7% wieġbu ma jafux.



**L-indeċiżi jew dawk li qed jgħidu li mhux ser jivvutaw.**

Prof. Marmarà jinnota kif fost dawk in-nies li huma indeċizi għandek ħafna minnhom li qegħdin fuq pont  josservaw x'ser jiġri mill-partiti, x'ser jipproponu u x'direzzjoni ser jagħtu. "Din is-sitwazzjoni politika ilha ftit xhur s'issa. Interessanti li wieħed jinnota li s'issa ħafna nies mhux qed jaqsmu minn partit għall-ieħor. Ħafna minn dawn in-nies mhux iħossuhom ispirati miż-żewġ partiti, mhux qed jaraw li qed ituhom id-direzzjoni jew mhux qed jilħqu l-aspettattivi tagħhom."

L-istatistiku jispjega li mbagħad hemm grupp ta' nies li qed jgħidu li ma jridux jivvutaw. "Minn dawn, il-Partit Laburista għandu ferm aktar minnhom u b'hekk id-distakk bejn il-partiti naqqas b'mod sostanzjali. Dawn bħalissa jippreferu ma jivvutawx milli jeqilbu l-vot tagħhom għall-Partit Nazzjonalista. Fost dan il-grupp hemm ħafna minnhom li tilfu l-interess fil-politika, jew il-partiti mhux jindirizzaw l-ħsibijiet u l-aspettattivi tagħhom." Marmarà jinnota kif fost dawn in-nies, l-akbar inkwiet tagħhom huwa l-barranin, it-traffiku, l-ambjent u kif ukoll l-andament mgħaġġel fil-kostruzzjoni. "Min ser itihom id-direzzjoni l-ewwel? Dan huwa dak li qed jistennew in-nies, xi ħadd li jindirizza t-tħassib tagħhom," temm jgħid il-kelliem.

**Metedoloġija**

Dan l-istħarriġ sar bit-telephone bejn it-2 u d-9 t'Ottubru b'kampjun ta' 1,000 persuna b'confidence level ta' 95% u marginal of error ta' +/- 3.1% fost persuni minn 16-il sena 'l fuq. Il-kampjun miġbur kien imqabbel b'mod preċiż mal-etajiet tan-nies, id-distretti u s-sess tagħhom.

**L-istatistiku Prof. Vincent Marmarà**
B.Sc (Hons.)(Melit.) M.Sc (Sheff.) Statistics, Ph.D(Stir). FRSS, KLJ

Il-Professur Vincent Marmarà huwa statisitku u riċerkatur bi professjoni. Huwa kiseb l-ewwel grad tiegħu fl-Istatistika, Riċerka Operattiva u Matematika mill-Università ta' Malta. Aktar tard avvanza l-istudji tiegħu billi kiseb Masters of Science fl-Istatistika mill-Università ta' Sheffield fir-Renju Unit. Wara kiseb id-Dottorat tiegħu fil-Matematika (Statistika) mill-Università ta' Stirling, l-Iskozja, fejn speċjalizza fuq l-istudju relatat mal-epidemoloġija. F'dawn l-aħħar 18-il sena huwa kien fdat b'diversi proġetti ta' riċerka kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Huwa mexxa gruppi ta' riċekra u analizza data xjentifika ta' livelli għolja. Prof. Marmarà huwa Professur Assoċjat fil-Fakultà tal-FEMA, fl-Università ta' Malta, u huwa affiljat mar-Royal Statistical Society tar-Renju Unit. Marmarà ilu jippubblika stħarriġ tal-opinjoni pubblika għal dawn l-aħħar snin, u magħruf għall-preċiżjoni tiegħu fihom.